# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 24 ta' Frar 2022**

Appell numru 31/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Kenneth PULLICINO**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Rat l-imputazzonijiet miġjuba kontra Kenneth PULLICINO karta tal-identita numru 497571M u li permezz tagħhom huwa ġie mixli, inter alia, talli fil-21 t'Ottubru 2018 għall-ħabta tal-1000 fl-inħawi taż-Żurrieq, huwa ikkommetta diversi reati in konnessjoni ma' kaċċa illegali ta' għasafar u dan bi ksur tar-regolamenti 4(1)(a), 12(1) u 18(1)(c) tal-Liġi Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li ġiet mitluba wkoll il-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt ir-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi.

2. Rat illi matul is-seduta tal-20 ta' Jannar 2021, dik il-Qorti ħadet konjizzjoni ta' rikors preżentat minn Fiona Burrows. Iżda fil-kontemp ħadet ukoll konjizzjoni tal-verbal magħmul mill-Abbli Avukat Difensur fejn tenna li l-imputazzjonijiet de quo kienu jirrelataw għall-21 t'Ottubru 2018 meta l-imputat kien ġie infurmat immedjatament li kienu sejrin jittieħdu proċeduri kontra tiegħu.

3. Ġie mistqarr mid-Difiża wkoll illi l-appellat kien ġie notifikat bl-imputazzjonijiet de quo wara l-perjodu ta' sentejn – iġifieri wara l-21 t'Ottubru 2020 u anke in vista tal-Avviż Legali 65 tal-2020 li huwa l-Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati li ġiet revokata permezz tal-Avviż Legali 230 tal-2020 dawn l-imputazzjonijiet xorta waħda kienu preskritti.

4. L-Uffiċjal Prosekutur irrileva li bis-saħħa tal-Avviż Legali 61 tal-2020 ġew sospiżi t-termini u ħinijiet legali u ġudizzjarji mit-13 ta' Marzu 2020 liema termini kienu ġew riattivati bl-Avviż Legali 230 tal-2020 li jitkomplew mit-12 ta' Ġunju 2020. Bhekk l-appellat ġie notifikat fi żmien stipulat skont il-Liġi.

5. Rat illi permezz tas-sentenza datata 20 ta' Jannar 2021 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddikjarat il-:

   > kawza preskritta stante li t-terminu ta' sentejn kien jagħlaq fis-21.10.2020 u ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha minn Gunju sa Ottubru 2020 cans sabiex tinnotifika lill-imputat.

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali datat 8 ta' Frar 2021 fejn tenniet li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet għamlet enunċjazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi u waslet għall-liberatorja tal-appellat minħabba li dik il-Qorti ddikjarat l-azzjoni preskritta meta fil-fatt ma kienetx hekk preskritta. Dan minħabba l-fatt li bis-saħħa tal-Avviż Legali 61 tal-2020 ġew sospiżi kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarji u ta' kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem il-Qrati. Din is-sospensjoni kellha ddum sa sebat ijiem wara t-tneħħija tar-revoka ta' kwalunkwe ordni mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika. Bis-saħħa tal-Avviż Legali 65 tal-2020 din is-sospensjoni tat-termini legali u ġudizzjarji ġiet dikjarata b'effett mis-16 ta' Marzu 2020. Imbagħad bis-saħħa tal-Avviż Legali 230 tal-2020 l-ordni magħmul bis-saħħa tal-Avviż Legali 61 tal-2020 ġie mħassar b'effett mill-5 ta' Ġunju 2020. B'hekk l-Avukat Ġenerali qed targumenta li f'dan il-każ, il-perjodu preskrittiv ta' sentejn ma kienx għadu ddekorra kif tenniet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza appellata iżda kien jagħlaq fil-

21 ta’ Jannar 2021 in kwantu t-tliet xhur li fihom it-termini legali u ġudizzjarji kienu ġew sospiżi ma kellhomx jitqiesu għall-fini tad-dekorrenza preskrizzjonali, fis-sens li dan il-perjodu ta’ tliet xhur li fihom it-termini kienu ġew sospiżi kien allura jisposta l-quddiem bi tliet xhur it-terminu tal-preskrizzjoni f’dan il-każ.

7. Rat illi matul is-seduta tal-1 ta’ Ġunju 2021 miżmuma quddiem din il-Qorti, id-Difiża iddikjarat li għalkemm fil-proċess hemm kopja tar-referta tan-notifika tal-avviż tal-appellat din ma kienetx tifforma parti mill-proċess in kwantu ma kienetx ġiet preżentata u eżebita sakemm kienet ingħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Dan kien fatt magħruf mill-appellat u mill-avukat Difensur kif ukoll kif kien jixhed il-verbal stess.

8. Illi fil-proċedura kriminali il-preskrizzjoni ġġib magħha l-estinzjoni tal-azzjoni. B’hekk qabel din il-Qorti tidderimi l-kwistjoni li ġiet verbalizzata mid-Difiża fil-verbal imsemmi trid qabel xejn tesplora jekk, effettivament, l-argument tal-Avukat Ġenerali għandux legalment mis-sewwa in kwantu l-kwistjoni sollevata minnha għandha effett importanti fuq id-determinazzjoni ta’ din il-vertenza.

9. Din il-Qorti rat diversi sentenzi dwar il-punt imqajjem mill-Avukat Ġenerali fl-appell minnha interpost, fosthom **Il-Pulizija vs. Simon Mangion**, deċiża minn din l-istess Qorti u li segwiet id-“decisum” fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Julius Bonello** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta’ Lulju 2021, fejn dik il-Qorti laqgħet l-argument tal-Avukat Ġenerali li kien pratikament identiku għal dak sollevat f’dan il-każ.

10. Anke din il-Qorti jidhrilha li l-Avviżi Legali li japplikaw għal dan il-każ huma l-Avviż Legali 61 tal-2020 u sussegwentament l-Avviżi Legali li emendawh fosthom l-Avviż Legali 84 tal-2020 li jagħmel referenza partikolari għall-preskrizzjoni kriminali. Sussegwentament, dan ġie imħassar bl-Avviż Legali 243 tal-2020. L-appellat allegatament wettaq ir-reati mertu ta’ dan l-Appell nhar il-21 t’Ottubru, 2018. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali, dawn ir-reati allura jiġu preskritti nhar il-21 t’ Ottubru, 2020. Madanakollu, bl-applikazzjoni tal-Avviż Legali numru 61 tal-2020 li daħal fis-sehh nhar it-13 ta’ Marzu, 2020, sa meta daħal fis-seħħ l-Avviż Legali 243 tal-2020, il-preskrizzjoni kienet sospiża u għaldaqstant il-perjodu preskrizzjonali mexa l-quddiem b’daqstant ġranet ossija xhur li fih it-terminu kien ġie sospiż. Oltre minn hekk wieħed irid iżid ukoll sebat (7) ijiem oħra mal-

ammont ta' terminu sospiż, hekk kif speċifikat fir-regolament numru 3 tal-Avviż Legali 61 tal-2020.

11. Dan ikun ifisser illi bit-terminu tal-preskrizzjoni estiż b'dak l-ammont ta' jiem li fihom damet isseħħ is-sospensjoni tat-termini, jirriżulta li fil-ġurnata ta' meta saret is-seduta fl-20 ta' Jannar 2021 it-terminu preskrizzjonali kien għadu ma skadiex.

12. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti ma taqbilx mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) meta fis-sentenza appellata tagħha din iddikjarat il-"kawża preskritta" u dan peress li minħabba s-sospensjoni tat-termini imsemmija aktar il-fuq, il-perjodu preskrizzjonali kien għadu ma ddekorriex, almenu sakemm kien hemm is-seduta fl-20 ta' Jannar 2021.

13. L-appellat pero jisħaq illi d-dokument eżebit bħala d-disa folja fil-proċess de quo – stante li l-proċess ma ġiex enumerat – ma kienx ġie preżentat quddiem il-Qorti sal-mument li dik il-Qorti ġiet biex tati s-sentenza tagħha. Huwa jgħid għalhekk li dan id-dokument ma setgħetx issir riferenza għalih u allura, loġikament, kellu jiġi skartat minn din il-Qorti in kwantu ma jistax jitqies bħala prova ta' meta l-appellat ġie notifikat bl-avviż tal-kawża u bit-taħrika tal-kawża tal-Pulizija. B'hekk l-appellat jikkontendi li ladarba r-referta ma ġiex preżentata, l-matematika kienet favur l-appellat. U b'hekk il-liberatorja kellha tiġi konfermata.

14. Qabel xejn din il-Qorti tħoss li għandha tisħaq fuq il-fatt li ma hemmx prova fl-atti dwar f'liema stadju tal-proċeduri din ir-referta ġiet inserita. Fil-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Jannar 2021 ma jissemma' xejn dwar din ir-referta. Peress li l-atti mhux enumerati l-anqas ma hemm indikazzjoni dwar meta ġiet inserita grazzi għan-numru konsekuttiv li setgħa jagħti ħjiel. Il-posizzjoni tar-referta bħala d-disa' folja tal-atti – u qabel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati – tagħti indikazzjoni li din setgħet daħlet fl-atti qabel l-għoti tas-sentenza, li tinsab inserita tliet folji wara. Iżda l-anqas din ma hija prova soda biżżejjed in kwantu n-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn jgħarraf li kien bi ħsiebu jappella minn dik is-sentenza kienet ukoll ġiet inserita qabel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati – fatt li fil-verita ma kienx jagħmel wisq sens ġaladarba s-sentenza riedet tingħata qabel ma l-Kummissarju jiddeċiedi li jippreżenta dik in-nota!

15. Biss din il-Qorti ma jirriżultalhiex li l-appellat qajjem il-problematika tan-nuqqas tal-preżentazzjoni tar-referta tan-notifika seduta stante

matul dak is-smiegħ qabel ma ingħatat is-sentenza minn dik il-Qorti. Li kieku l-Prosekuzzjoni kienet naqset milli tippreżentaha seduta stante wieħed kien jistenna lid-Difiża li tissolleva dan il-punt immedjatament hekk kif ġiet konfrontata bl-imputazzjonijiet; aktar u aktar meta kienet id-Difiża stess li ssollevat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Dik l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kienet riedet tkun radikata fuq effettivament meta l-appellat kien ġie notifikat bl-avviż; u l-prova prinċipali kienet preċiżament ir-referta pożittiva tiegħu li tindika d-data meta huwa ġie notifikat.

16. Fil-fatt kull ma tgħid id-Difiża f'dan il-każ huwa li l-appellat kien ġie notifikat bl-akkużi wara l-pejodu ta' sentejn iġifieri wara l-21 t'Ottubru 2020, mingħajr indikazzjoni dwar id-data ta' meta huwa kien effettivament irċieva din ir-referta. Żgur hu li f'dak il-verbal ma jirriżultax li l-appellat ipprotesta l-fatt li l-Prosekuzzjoni ma ppreżentatx ir-referta pożittiva tiegħu f'dak l-istadju.

17. L-anqas il-Qorti ma jidher li għamlet xi kumment fis-sens illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tippreżenta referta valida u pożittiva tal-appellat qabel ma hija għaddiet biex tiddikjara l-proċedura preskritta. Għalkemm huwa minnu li dik il-Qorti telqet mill-punt li l-Prosekuzzjoni kellha żmien biżżejjed bejn Ġunju u Ottubru 2020 sabiex tinnotifika lill-appellat, hija xorta waħda ma setgħetx tassumi li l-appellat ma kienx ġie notifikat f'dak iż-żmien.

18. Biex waslet għall-konklużjoni tagħha dik il-Qorti bilfors li ried ikollha konvinzjoni bażata fuq xi forma ta' prova li turi li l-appellat fil-fatt ma kienx ġie notifikat bejn Ġunju u Ottubru 2020. Altrimenti ma setgħetx tkun f'qagħda tikkummenta li l-Prosekuzzjoni kellha minn Ġunju sa Ottubru 2020 ċans biex tinnotifika lill-appellat. Dan il-kumment jagħmel sens biss fil-każ li jiġi aċċettat li dik il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni kienet eżebiet referta pożittiva tal-appellat iżda li kienet ġiet inqasma lilu wara Ottubru 2020 – fatt li skont dik il-Qorti – erronjament għal din – kien iwassal biex tiddikjara l-proċediment preskritt.

19. Ta' dan din il-Qorti ma għandhiex riskontri probatorji sodi. Iżda l-fatt l-appellat ma semma xejn dwar dan l-ilment qabel, iġifieri in limine litis matul il-proċeduri infushom, jimmilita kontra l-argument tiegħu li qed iqajjem issa fl-appell meta jgħid li dan id-dokument ma kienx preżentat matul is-seduta u qabel ma ġiet erogata s-sentenza. Il-fatt li l-anqas il-Qorti tal-Maġistrati ma semmiet dan l-allegat nuqqas u anzi għaddiet biex tagħti s-sentenza tagħha li tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fis-

sens li l-appellat ma ġiex notifikat bl-avviż fiż-żmien imsemmi minnha – iġifieri bejn Ġunju u Ottubru 2020 – juri li dik il-Qorti kellha l-informazzjoni bażata fuq il-prova tar-referta li l-appellat irċieva dik ir-referta wara li kien għadda dak il-perjodu.

20. Iżda anke jekk, għall-grazzja tal-argument din il-Qorti kellha tagħti raġun lill-appellat u tqis li din ir-referta kienet preżentata b'mod irregolari wara li ingħatat is-sentenza u mhux waqt id-dibattitu dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-Difiża, xorta waħda din il-Qorti ma tistax taqbel mal-argument tal-appellat li l-proċeduri huma illum estinti minħabba l-preskrizzjoni.

21. Dan peress illi jekk l-appellat, sal-ġurnata tas-seduta kien għadu ma ġiex notifikat bl-imputazzjonijiet, mill-atti jirriżulta illi huwa, fid-data tas-seduta, mhux biss kien preżenti għas-seduta u ssottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti fuq l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, talli huwa, tramite l-legali tiegħu, iddikjara ruħu fis-sens li kien ġie notifikat bl-"akkuzi odjerni" **qabel** dik is-seduta, għalkemm ma speċifikax **meta** huwa kien ġie notifikat bihom; ħlief li jisħaq li huwa rċevihom wara d-dekors tal-perjodu ta' sentejn minn meta kien ġie infurmat li se jittieħdu proċeduri kontra tiegħu fil-21 t'Ottubru 2018.

22. Ġaladarba, għar-raġunijiet imsemmija iżjed il-fuq, fil-fehma ta' din il-Qorti t-terminu tal-preskrizzjoni ma kienx għadu ddekorra sad-data ta' dik is-seduta, żgur hu li f'dik is-seduta l-appellat mhux biss issottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti fuq l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, iżda rrikonoxxa li huwa kien irċieva dawk l-imputazzjonijiet – f'data impreċiżata minnu iżda qabel dik is-seduta. Huwa argumenta li allura kien notifikat b'mod tardiv u b'hekk skontu l-proċediment relattiv kien milqut mill-preskrizzjoni. Dan ir-rikonoxximent li huwa ġie notifikat bl-avviż fih innifsu huwa ammissjoni tal-fatt tan-notifika tal-imputazzjonijiet f'data preċedenti dik is-seduta; u fid-data ta' dik l-udjenza huwa kien allura jista' jitqies bla dubju ta' xejn li kien ġie issa formalment notifikat bihom.

23. Ġaladarba fid-data ta' dik l-udjenza ma kienx għad fadal wisq dubju li kien ġie notifikat bl-imputazzjonijiet kontestati lilu, u ġaladarba dil-Qorti ddeċidiet li f'dak il-jum il-proċediment ma kienx għadu laħaq ġie preskritt, konsegwentement anke jekk din il-Qorti kellha taċċetta l-argument tal-appellat li r-referta inserita fl-atti kellha tiġi skartata, xorta waħda jirriżulta mill-atti li hemm prova soda li l-appellat kien ġie notifikat bl-imputazzjonijiet in kwantu fis-seduta innifisha huwa

rrikonoxxa li kien ġie notifikat bl-imputazzjonijiet de quo qabel dik is-seduta.

24. Konsegwentement anke għal din ir-raġuni, din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellat li l-proċediment jista' jitqies preskritt.

# DEĊIDE

Għaldaqstant, għall-motivi premessi, din il-Qorti qegħda tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u tħassar is-sentenza appellata.

Fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, din il-Qorti ma jidhrilhiex li jkun ġust li tisma' l-provi f'dan il-każ u dan sabiex ma tipprivax lill-appellat mill-benefiċċju tad-"doppio esame" – jedd li huwa għandu anke in virtu tal-artikolu 2 tas-7 Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea u b'hekk tordna li l-atti tal-kawża jiġu rimessi lil Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex din, wara li tisma' lill-partijiet, tiddeċiedi skond il-Liġi fuq l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**